**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-HAMES LEGISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGHA TAL-KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU 4 – IL-ĦAMIS 15 TA' APRIL 2010 FIS 7:30PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill

Prezenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Vici Sindku |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Michael Portelli | Segretarju Ezekuttiv |

Peress li kien hemm xi nies li ġew mistiedna biex ikunu jafu dwar l-andament tat-tenders u jkunu jistgħu jiddiskutu dwar l-Scouts kien hemm qbil biex dawn iż-żewġ items jiġu mressqa fil-bidu.

1. **TENDERS TAL-LATTRINI**

Fil-preżenza tal-Kunsilliera Helen Maria Bugeja u Anatole Scerri Diacono infetħu t-tenders rigward il-lattrini. Kien hemm żewġ tenders b' kollox. Is-Segretarju niżżel id-dettalji ta dawk li tefgħuhom u iċċekkja jekk kienx hemm kollox preżenti rigward dokumenti. Fil-każ tat-tnejn kien hemm il-bid bond preżenti, il-formoli mimlija u non collusive tender agreement.

Fil każ tat-tenders anki kien hemm karta li tagħti spjegazzjoni tax-xoghol li se jitwettaq min dawk li tefgħu l applikazzjoni. Fil każ ta Rita Seguna, il-kunsillier Anatole Scerri Diacono staqsa jekk dan kienx validu peress li fid-deskrizzjoni tax-xogħol hi ma semmietx kollox kif kien hemm mitlub fit-tender. Dan il-punt kien imqajjem ukoll mill-Kunsilliera l-oħra preżenti. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex din tkun kjarifikata mal-avukat u anki jkun ikkonfermat jekk dan it-tender hux validu jew le.

Għandha terġa tisejjaħ laqgħa biex ikun hemm adjudication fuq dawn it-tenders u b' hekk ikun hemm riżultat u tintgħażel persuna biex tagħti dan is-servizz.

## 2. SCOUTS MTARFA

Waqt il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sur. George Mangion li huwa uffiċċjal għoli fl-iscouts. Is-Sur. Mangion ġie msejjaħ mill-kunsiller Antoine Vella peress li hu kien ħareg bil-proposta li jkun hawn scout group ġewwa l-Mtarfa. Antoine Vella semma li hu stess kien scout u ħass ġewwa l-Mtarfa li hawn vojt mingħajr scout group u b' hekk ħa din l-inizjattiva. Kien kellem lis-Sur. Leslie uffiċċjal għoli fl-iscouts ta' Malta li għaddielu l-kuntatti mas-Sur. George Mangion.

Is-Sindku staqsa dwar x inhuma l-eżigenzi biex ikun jista joppera dan il-grupp. Is-Sur. Mangion wieġeb li huma għalissa jkollhom bżonn li jiltaqaw darba fil-ġimgħa u li jkollhom bżonn ta kamra fejn jiltaqaw u semma jekk hux possibli għalihom li jiltaqaw ġewwa l-Board Room. Is-Sur. Mangion semma wkoll li din ma tinvolvix spejjeż. Is-Sindku semma li rigward proprjeta fejn ikunu jistgħu jiltaqaw din għad trid tiġi diskussa biex ikun hemm soluzzjoni tajba peress li l-Kunsill ma għandux propjetajiet aparti l-Kunsill li jista jagħmel użu minhom. Is-Sur. Mangion semma wkoll li huma fis-Sajf il-laqgħat tagħhom issiru outdoors u ma jkollhomx bżonn ta premises.

Is-Sindku semma li l-vantaġġ li jkun hawn Scout Group ġewwa l-Mtarfa jkun wkoll biex jiġbor l-scouts li hawn mill-Mtarfa u jkunu kollha f post wieħed. Is-Sur. Mangion semma wkoll li kellu laqgħa mas-Sur. Leslie dwar kif għandha issir il-proċedura sabiex jitwaqqaf Scout Group ġdid.

Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera qablu mad-deċiżjoni li jkun hawn Scout Group ġewwa l-Mtarfa. Kien suġġerrit ukoll l-isem tal-Scouts li jkun Kunsill Lokali Mtarfa, Scout Group. Peress li l-isem kien twil is-Sindku ssuġġerixxa li l-isem ikun Mtarfa Local Council, Scouts. Is-Sindku semma wkoll biex din tkun ippubblikata fil-Ħolqa ħalli n-nies ikunu mgħarrfin x' se jkun qed jiġri il-quddiem.

## 3. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-GĦAXAR LAQGHA TAL-KUNSILL

Il-Minuti gew mehuda bhala moqrija u saru korrezzjonijiet mehtiega.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

Kien hemm is-schedule of payments ippreżentata waqt il-laqgħa biex ikunu jistgħu jiġu eżaminati fil-Kunsill.

Il-Kunsilliera Helen Bugeja ssuġġerit li rigward is-siġġijiet nistgħu nistaqsu wkoll lil Każin ta' San Pawl.

Il-pagamenti l-oħra ġew mgħoddija u kkonfermati mill-membri tal-Kunsill u approvata.

## 5. TENDERS OĦRA

Is-Segretarju ħabbar li ħareg it-tender tal-website kif kien imsemmi fil-laqgħa ta qabel. Dan it-tender il-ġbir għad dokumenti se jagħlqu fil 21 t' April 2010.

Is-Sindku semma li hemm bżonn li joħroġ it-tender tal-ġbir ta skart domestiku. Huwa qal lis-Segretarju biex jsir l-avviż kif suppost u jkun hemm żmien biżejjed kif jirrikjedu l-proċeduri. Se jkun hemm ħlas ta € 150 biex jinġabru dawn id-dokumenti. Fid-dokument se jkun hemm imniżżel klawsola li l-Kunsill qed jimponni l-ħinijiet meta jista' jinġabar l-iskart u dawn jista jinbidlu skont l-eżigenzi tal-ġurnata. F' każ li matul iż-żmien jiżdiedu skips ġodda il-kuntrattur ma jistax jirrifjuta li dawn jinġabru. Fl-aħħar tal-ġimgħa il-kuntrattur irrid iġġib il-Kunsill ic-chits tal-ġbir li jkun għamel matul dik il-ġimgħa. Dawn u aktar dettalji se jkun imniżżlin fit-tender li se jkun qed joħroġ fil-jiem li ġejjin.

## 6. BUDGET

L-accountant tal-Kunsill, is-Sur. Patrick Caruana kien tkellem mas-Segretarju rigward il-budget. Dan kien ġie diskuss flimkien mas-Sindku biex jiġi stabbilit skont l-allokazzjoni li ingħatat.

Peress li kien hemm xi affarijiet urġenti l-accountant ma setax jiffanliżża rigward il-budget u dan tħalla għal darb oħra.

## 7. RIŻULTAT TAŻ-ŻJARA F' ARVIDSJAUR

Il-kunsilliera preżenti waqt il-laqgħa esprimew li din kienet esperjenza pożittiva u ta benefiċċju kemm għal membri tal-Kunsill u dawk tad-delegazzjoni.

Is-Sindku esprima li "Il-frott mid-delegazzjoni kien li għamilna kuntatti ġodda, kemm mal-iskejjel biex ikun hemm skambji bi programmi tal-EU u anki ma għaqdiet oħra. Se jsiru arranġamenti biex ikun jista jitniżżel kontinġent militari għal okkażżjoni ta Military Mtarfa. Possibiltajiet ta negozju rigward prosvisti t injam min kuntratturi ġewwa l-Mtarfa, kif ukoll fil-qasam tal-vitikultura biex jintbagħat inbid f' Arvidsjaur. Qed jitħejjew ukoll arrangamenti biex jittella kontinġent sportiv biex ikun hemm possibilta ta training f' Arvidsjaur. Il-Kunsill uffiċjalment jistieden id-delegazzjoni t' Arvidsjaur għal Novembru għas summit tat-Twinning fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bejn il-Kunsill Lokali tal-Mtarfa u Arvidsjaur. Fil-viżita kull ġurnata imxejna skont il-program, li kien edukattiv, kulturali, sportiv u kummerċjali. F' dan it-Twinning il-Kunsill igwadanja sewwa fil-kummerċ, sportiv u kulturalment. Il-Kunsill sema b' ilmenti fil-media rigward l-għażla tal-grupp. Fil-minuti ta qabel hemm spjegat fiex kienet tikkonsisti d-delegazzjoni u fl-aħħar ġimgħa rrinunzjaw xi nies bħal Mtarfa FC, il-Kunsill Pastorali u Mtarfa Daycentre."

## 8. BRING IN SITES

Is-Sindke semma li ġie iffirmat il-kuntratt għal ġbir mill bring in sites mal-Green MT kif kienu intgħażlu fil-laqgħa ta qabel. Fil-preżenza tal-kunsilliera issuġġerixa proġett pilota li jkun hemm bring in sites tal-260 litru f' kull triq biex il-mara tad-dar toħroġ tissepara l-iskart tagħha barra. Għalissa dan il-proġett se jkun qed jibda f' parti mill-Mtarfa biex jkun jista jiġi evalwat.

Dan il-proġett se jkun promoted anki fuq it-television. L-isem għalih se jkun 'Nisseparaw issa qabel ikun tard wisq'. Dawk il-familji li se jkunu qegħdin ilaħħqu

ma ċertu miri li jkunu stabbiliti matul il-proġett jingħataw 'reward'. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta biex b' hekk tkun tista ssir realta. Is-Sindku semma wkoll li Green MT se tkun qed tagħti lil Kunsill donazzjoni ta € 500 għal attivita kulturali.

## 9. JUM L-MTARFA

Rigward s-serata Kulturali u Letterarja li se ssir fit 23 ta' April se jkun qed issir brochure li tiegħu se jsiru 60 kopja u se jkun hemm 100 invit li dawn jistgħu jitqassmu mill-Kunsilliera li persuni tal-għażla tagħhom. Is-Sindku saħaq li dan għandu jkun avveniment li jidħol fil-kalendarju biex b' hekk issir sena wara oħra u b' hekk anki jagħti spinta lil letteratura.

Barra min Jum l-Mtarfa fil 25 t' April is-Sindku ħabbar li se jkun iffirmat il-kuntratt għad devoluzzjoni tal-Arloġġ. Għal din l-okkażżjoni ċ-ċerimonja se tiftaħ b parata mill-iscouts li se tibda fid 9,15. Se jkun mistieden l Onor Dr. Chris Said ukoll u anki se jkun l-Onor Dr. Jason Azzopardi li jirrappreżenta l-Lands Department. Dawn se jkunu hawn preżenti għal ħabta tal-għaxra ta filghodu biex issir iċ-ċerimonja tal-iffirmar. Wara se ssir bibita fuq il-post. Għal din l-okkażżjoni s-Sindku ħabbar li se ssir plakka tal-majka biex tibqa tifkira ta dan l-avveniment storiku fl-Mtarfa.

Fis 27 t' April jaħbat sewwa sew Jum l-Mtarfa. Is-Sindku ħabbar ukoll il-programm għal din il-ġurnata. Fil 5.30 p.m. se tibda parata mill-Iscouts li għandha titlaq min Pjazza Palma u tasal fi tmiemha fiċ-Centru Pastorali fejn fis 6.30 p.m. għandha issir quddiesa ta radd il-ħajr. Wara l-quddiesa se jkun hemm parata miċ-Ċentru Parrokkjali għal Adult Training Centre fejn tkompli tiżvolġi s-serata. Is-Sindku ssuġġerixxa lil jiġu mistednin ukoll l-ex kunsilliera biex jattendu għal din l-attivita. Peress li parti mill-attivitajiet se jsiru barra dawn ikun hemm bżonn ta wardens għalihom. Dakinhar tas-serata se jkun hemm feature li jiffokka fuq l-attivitajiet li għamel il-Kunsill matul is-sena, se titella ukoll kummiedja mill-Mtarfa Drama Group.

Is-Segretarju ressaq in-nomini tan-nies u l-għaqdiet li ġew ippreżentatti biex jingħataw Ġieh l-Mtarfa u Unur l-Mtarfa. Fost dawn kien hemm Irene Everest li ġiet nominata min sitt persuni differenti. Peress li din kellha l-aktar nomini ġiet magħżula biex tingħata Gieħ l-Mtarfa. Is-Sindku semma li jekk ikun hemm għaqdiet li jiġu nominati dawn jistgħu jingħataw Unur l-Mtarfa. Kien hemm ukoll nomini fuq Marlene Gouder, John Vassallo u Mtarfa Drama Group. Is-Sindku qara x inhuma r-raġunijiet għan nomini u ddiskutihom fil-Kunsill. Il-Kunsill ra li dawn ir-raġunijiet u qabel li dawn jingħataw Unur l-Mtarfa għax xogħol li għamlu f' setturi differenti. Kien hemm ukoll nomina oħra li saret fuq Fr. Joseph Buhagiar li kien ex kappillan tal-Mtarfa. Peress li din ma kellix dettalji tal-persuna li kien qed jagħmel in-nomina din ma kinitx valida. Is-Sindku faħħar ix-xogħol li kien għamel Fr. Buhagiar fil-lokalita imma ma setax jaċċetta din in-nomina peress li ma kienx hemm dettalji tal-persuna li kien qed jagħmilha. Is-Sindku emfassiża biex dawk il-persuni li kienu qegħdin jagħmlu n-nomini jiġu mistiedna għal din l-okkażżjoni kif inhu xieraq.

## 10. MILITARY MTARFA

Is-Sindku semma li dwar l-eżebizzjoni li se ssir fil-21 ta' Mejju din mhux se tinfetaħ għal pubbliku dakinhar imma se tkun inawgurata biss. L-għada is-Sibt din se tkun miftuħa il-ġurnata kollha u filgħaxija wara t-8 se jkun hemm reanactment għal

mistiedna speċjali. Se jkun hawn ukoll wirja ta karozzi maġenb it-Torri dakinhar tas-Sibt ukoll u anki l-għada se jinġiebu karozzi li se jitpoġġew fl istess post.

Il-program tal-Ħadd se jsir mill-għaxra ta filgħodu sas-sitta ta filgħaxija b' diversi attivitajiet. Is-Sindku semma wkoll li se tkun qed titella billboard biex tippromwovi l-attivita. Is-Sindku issuġġerixxa biex tibda issir laqgħa kull nhar t' Erbgħa min issa l-quddiem biex ikun hemm ftehim u organiżazzjoni tax-xogħol.

Is-Sindku ħeġġeġ lil Kunsilliera biex sat 3 ta Mejju jisottomettu l-artikli tagħhom biex ikunu jistgħu jidhru fil-Ħolqa.

### 11. KORRISPONDENZA

#### 11.1 Korrispondenza mis-Sindku

Is-Sindku ġie avviċinat min Graham Woodall li għażel l-Mtarfa biex issir opra artistika. Din tikkonsisti f' collage fejn ir-residenti jintalbu jwaħħlu biċċa kkulurita fuq stampa kbira biex flimkien joħolqu stampa waħda. Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu ma din il-proposta. Biex din issir għandha titħallas is-somma ta € 100.

Kien hemm talba bil-miktub mingħand Melita biex jwaħħlu antenna m arblu li hawn fil-viċinanzi tal-Kunsill Lokali. Dan il-każ is-Sindku għaddieh għand il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono.

Is-Sindku ssuġġerixxa li nerġgħu nkellmu lil-avukat fuq il-każ tad-dawl tal-Housing peress li l-kontijiet kienu qed jintbagħtu lil Kunsill. Din se tkun kordinata mis-Segretarju Eżekuttiv.

L-iskola Sekondarja tas-Subiex se jkun qed jorganiżżaw attivita fis 16 ta Mejju u bagħatu ittra indirizzata lis-Sindku fejn semmew xi affarijiet li għandhom bżonn u jekk aħna nistgħux ngħinuhom fihom. Fost dawn kien hemm mobile toilets li l-Kunsill flimkien qabel li dawn jingħataw mobile toilets għal din l-okkażżjoni.

Kienet intbagħtet ittra miċ-Ċentru ta Matul il-Jum għal Anzjani biex jaraw jekk nistgħux nipprovdu għajnuna rigward trasport għal persuni biex jkunu jistgħu jattendu ċ-ċentru għal matul il-Jum. Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġu mfittxiaj kwotazzjonijiet fuq dan il-każ.

L-iskola Sekondarja tal-Mtarfa u Tal-Ħandaq bagħatu ittri peress li se jagħmlu premjazzjoni tal-istudenti biex jaraw jekk il-Kunsill jistgħax jagħti xi kotba biex jingħataw bħala rigali. Is-Sindku semma biex jinxtraw kotba u jingħataw lil-iskejjel rispettivi.

Is-Sindku ħabbar li konna ikkwalifikajna għal fondi lil dawk il-Kunsilli li jieħdu ħsieb libreriji fil-lokalita tagħhom. Dawn jikkonsistu f vouchers u skontijiet ta 25% fuq l-istess vouchers. Wara li dawn jintefqu jingħataw ukoll ir-rimanenti li flimkien jiffurmaw is-somma globali.

Is-Sinjura Carmen Capopardo kellmet lis-Sindku rigward il-librerija. Hi kienet tieħu ħsieb il-librerija tal-lokal u wriet ix-xewqa li terġa tibda tieħu ħsiebha. Is-Sindku laqa

dan il-ġest sabiħ u se jkun qed jikkuntattja fiż-żmien li ġej sabiex hi tkun tista tibda tieħu ħsieb dan il-proġett.

Rigward il-Bandli s-Sindku semma li hemm ħsieb li dan jibda għal ħabta ta Ġunju. Kif kien imsemmi aktar qabel f' laqgħat oħra il-Ministru tar-Riżorsi se jkun qed jagħti l-għajnuna tiegħu bħala nies u l-Kunsill se jkun qed joħroġ il-materjal.

Is-Sindku semma fuq il-problema li qed ikun hemm rigward il-ħmieġ tal-klieb. Għalhekk biex titieħed azzjoni huwa qal biex issir tabella sabiex in-nies ma jħallux il-klieb tagħhom iħammġu barra. Din se ssir quddiem l-iskips viċin l-Adult Training Centre. F' każ li n-nies jibqgħu jħammġu allura jinġiebu l-wardens ukoll biex jittieħdu miżuri aktar drastiċi.

### 11.2 Korrispondenza mill-Viċi Sindku

Il-Viċi Sindku semma li l-Kunsill kellu jingħata forma t' għajnuna rigward il-ground u staqsa jekk din waslitx. Peress li għadha ma waslitx huwa ssuġġerixxa biex niċċekjaw fuqha.

Huwa semma biex tinkited ittra lil dik lil tat il-Palma lil Kunsill biex tiġi mħawwla.

Għandha tinħareġ sejħa għall offerti biex jingħataw kwotazzjonijiet fuq pompi biex jiġu nstallatti għal funtana.

## 12. AĠĠORNAMENTI U XOGĦOLIJIET

Il-Viċi Sindku rrapporta li saret floodlight fil-parkeġġ li hemm viċin Triq Sir Leslie Rundle.

Inżebagħ ukoll ir-railing li hemm faċċata tal-iskola Sekondarja.

Fi triq l-Mtarfa kien hemm xi mirja li ġew irranġatti u oħrajn li ġew mibdula peress li kienu miksurin.

Kien hemm probleam f pipe ta drain fi Triq is-Sardinell li kien imsewwi.

Se jinġiebu quotations fuq dwal biex jitwaħħlu fi Gnien Sir Leslie Rundle. Triq Sir Leslie Rundle se titranġa biex titwessa l-bankina.

Il-ħadid li hemm fiż-żona magħrufa bħala tal-Karnival se jinżebagħ.

## 13. GĦELUQ IL-LAQGĦA

Il-laqgħa ġiet fi tmiema l-Ħamis 15 ta' April 2010 fil-ħdax u nofs ta filgħaxija (11.30 p.m.).

Ma kienx hemm qbil fuq id-data tal-laqgħa peress li ma kienx hemm il-kunsilliera kollha preżenti. Għalhekk il ftehim fuq il-ġurnata tħalla għal aktar tard

| | |
|---|---|
| **Michael Portelli** | **Anthony Mifsud** |
| **Segretarju Ezekkutiv** | **Sindku.** |